MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru. 101/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Clifford Garrett**

**Kumpilazzjoni Nru: 101/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clifford Garrett, ta' 25 sena, bin Silvio William u Rose nee' Cordina, imwieled gewwa Pieta' nhar it-12 ta' Mejju 1989, residenti gewwa Block 3B, Flat 12, Triq Mimosa, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-Identita' Maltija numru 219189(M).

Akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Novembru 2013 minn gewwa Kiosk, li jinsab fi Triq Bella Vista, San Gwann ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix il-2329.45 Ewro (elf Lira Maltija), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Ramon Attard u/jew persuna/i ohra. Art. 261(b) (c) (f) (g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(3) Kap 9.

U aktar talli matul ix-xahar ta' Novembru 2013 mir-residenza bl-isem ta' Dan u bin-numru 15, li tinsab fi Triq Anton Inglott, San Gwann ikkommetta serq ta' oggetti liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Jonathan Gatt Coleiro u/jew persuna/i ohra. Art. 261(b)(e), 263(a), 270, 278(2) Kap 9.

U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 267, 269, 270, 271 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni annke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu min-naha u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stradju bikri ta' dawn il-proceduri min-naha l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 267, 269, 270, 271 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjopdu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficju tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------